MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2010

Numru. 1018/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Josed Abdul Hedi**

Kumpilazzjoni Numru: 1018/2008

Illum, 03 ta’ Mejju, 2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Josef Abdul Hedi, ta’ 28 sena, iben Azzidan u Theresa nee’ Borg, imwieled Pieta’, fl-14 ta’ Novembru, 1979 u residenti gewwa 13, Spring Valley, Triq ix-Xnejn l-Abjad, Marsaskala u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru: 556879M

Akkuzat talli nhar il-5 ta' Settembru, 2008, ghal habta ta' 11:30hrs, gewwa Triq Sant' Antnin Marsaskala, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Elton Briffa skond kif iccertfikat Lara Attard mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal il-Gdid, u dan ai termini ta' l-artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fil-5 ta' Settembru, 2008 ghal habta ta' 12:00hrs, gewwa ic-Centru tas-Sahha, Rahal il-Gdid, hebb minghajr ma darab ghall Elton Briffa.

U aktar fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 214, 216, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-kaz in ezami jikkoncerna incident li sehh nhar fil-5 ta' Settembru 2008. L-imputat kien qed isuq vettura f'Marsascala meta l-vettura misjuqa minnu u vettura misjuqa minn certu Elton Briffa kwazi habtu. Briffa kien l-ewwel li hareg mill-vettura tieghu biex jaffronta lill-imputat li da parti tieghu hareg mill-vettura tieghu hu ukoll u gew f'l-idejn. Ezami tar-rapport dwar l-incident u tad-depozizzjoni tal-pulizija involuti f'dan il-kaz juru li Briffa qed jallega li meta hareg mill-vettura l-imputat kien l-ewwel li juza l-forza billi tah daqqa ta' ponn; l-imputat

minn-naha l-ohra f’l-istqarrija tieghu jallega li kien Briffa li l-ewwel li tah daqqa ta’ ponn meta huwa (l-imputat) kien ghadu fil-vettura tieghu u kien biss wara li qala din id-daqqa ta’ponn li huwa hareg mill-vettura u gew f’l-idejn. Skond l-imputat waqt din it-taqbieda Briffa gidimlu subghajh.

Illi aktar tard dak in-nhar z-zewg partijiet kellhom incident iehor fit-tarag tal-poliklinika ta’ Rahal l-Gdid. Hekk kif l-imputat kien tiela’ t-tarag tal-poliklinika Elton Briffa, li din id-darba kien ma’ huh Wayne Briffa, tah daqqa ta’ hadida fuq rasu minn wara u hemm ukoll inqalat taqbieda sakemm gew security personnel mill-poliklinika.

Illi li f’dawn il-proceduri la Elton Briffa ma xehed u lanqas l-imputat; l-unici xhieda okkulari huma Emma Hili u Wayna Briffa. Hili (it-tfajla ta’ l-imputat) tikkonferma kwazi f’l-intier taghha l-verzjoni mghotija mill-imputat f’l-istqarrija tieghu. Wayne Briffa min-naha l-ohra kien prezenti biss ghat-tieni incident li sehh fil-poliklinika.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma erbgha; l-ewwel tnejn b’referenza ghall-ewwel incident u l-ahhar tnejn b’referenza ghat-tieni incident.

Illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet huma li kkawza griehi ta’ natura gravi lil Elton Briffa u li kiser il-paci u l-buon ordni pubbliku.

Illi kif jirrizulta mis-suespost, u ghal dak li jirrigwarda l-ewwel incident, hemm kunflitt fil-provi fis-sens li ghalkemm iz-zewg partijiet involuti jammettu li gew f’l-idejn kull wiehed minnhom jghid li kien l-iehor li ta’ l-ewwel daqqa ta’ ponn li wasslet ghat-taqbieda.

Illi minkejja dan il-kunflitt jezistu provi ohra li pero jistghu jirrisolvu dan il-kunflitt. Hemm esebieti certifikati medici (kollha konfermati b’gurament) mhux biss ta’ Briffa imma anke ta’ l-imputat. Minn dawn ic-certifikati jirrizulta li fost griehi ohrajn Briffa kellu *lacerated wound* taht ghajnejn ix-

xellugija, *lacerated wound* superficjali fuq imniehru u tbengil taht ghajnejh il-leminija. L-imputat minn-naha l-ohra kellu griehi man-naha ta' wara ta' rasu, u f'subghajh ta' idejh u anke ta' saqajh. Ma jirrizultax mill-atti li l-imputat kellu xi griehi ohra partikolarment fuq wiccu u li b'xi mod setghu jindikaw li huwa kien qala daqqa ta' ponn.

Illi ghalhekk il-Qorti tista' taghti kredibilita lil Elton Briffa ghal dak li jirrigwarda l-ewwel incident u cioe li kien hu li qala' daqqa ta' ponn minghand l-imputat li wasslet biex gew f'l-idejn. Konsegwentement l-ewwel zewg imputazzjonijiet huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar l-ahhar zewg imputazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li dan it-tieni incident kien provokat ghall-kollox minn Briffa u li konsegwentement ma jirrizultawx pruvati l-imputazzjonijiet li jirreferu ghal dan it-tieni incident. Ghandu jinghad pero li Elton Briffa kien irrinunzja ghall-azzjoni kriminali waqt l-udjenza mizmuma fit-22 ta' Gunju 2009 u ghalhekk ghal dak li jirrigwarda it-tielet imputazzjoni l-procediment huwa ezawriet.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-fedina penali ta' l-imputat li hija netta u minn-naha l-ohra n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat kif ukoll ic-cirkostanzi li wasslu ghal dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tat-tielet imputazzjoni u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tar-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, ssibu hati ta'l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah tlett xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sena.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputat ir-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------